# L-AĦĦAR TAS-SENA

*Ta'* WALLACE Ph. GULIA

*Lil uliedi*

Dawra durella,
l-aħħar tas-sena
f'karrozza karrozzella,
sejrin bih
għax jinsab wisq għajjien . . .

Kemm ġera miskin
biex wasal sa hawn!
tlett mija u ħamsa w sittin jum
wara xulxin!

Imma issa għajjien——
nifsu lehġien u maqtugħ;
għad li x-xemx fis-sema qed tisreġ
id-dmugħ minn għajnu jintrema . . .

Dawra durella,
karrozza karrozzella,
għada l-ewwel tas-sena
u jġib miegħu 'il-hena!

Min jaf x'sa jġib miegħu?
qtates u frieħ,
pasti w żrinġijiet,
frejjeġ u ftajjar,
xmajjar w għadajjar . . .
Kaxxa magħluqa
ħadd ma jkun jaf x'fiha;
insiru nafu x'fiha ġo fiha
meta jiġri li jiġri . . .

Imma kull bidu sabiħ,
għandu t-tama u n-nifs,
u l-bniedem imxennaq għall-hena
joħlom li għada jkun isbaħ mill-għeja u
t-toqol tal-lum.

31/xii/'67.